



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14036/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0354(NLE)

PECHE 442

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 802 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 802 final.

Mehmuż: COM(2020) 802 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2020
COM(2020) 802 final

2020/0354 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet
għall-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-
sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat

Il-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux Irregolat ("il-Ftehim") huwa l-ewwel ftehim internazzjonali vinkolanti li jimmira speċifikament għas-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU).

L-għan ewlieni tiegħu huwa li jimpedixxi, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd IUU billi jimpedixxi lill-bastimenti involuti f'sajd IUU milli jużaw il-portijiet u jintroduċu l-qabdiet tagħhom fis-swieq. B'dan il-mod, il-Ftehim inaqqas l-inċentiv ta' tali bastimenti milli jkomplu joperaw, filwaqt li jimblokka wkoll il-prodotti tas-sajd derivati minn sajd IUU milli jaslu fis-swieq nazzjonali u internazzjonali. L-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim fl-aħħar mill-aħħar tikkontribwixxi għall-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u tal-ekosistemi tal-baħar. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim japplikaw għall-bastimenti tas-sajd li jkunu qed ifittxu li jidħlu f'port ta' Stat li jkun differenti mill-Istat tal-bandiera tagħhom.

Il-Ftehim ġie nnegożjat fil-qafas tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), li l-Unjoni Ewropea hija membru tagħha. Huwa kien approvat mill-Konferenza tal-FAO fis-sitta u tletin Sessjoni tagħha fit-22 ta' Novembru 2009, permezz tar-Riżoluzzjoni Nru 12/2009, taħt l-Artikolu XIV, il-paragrafu 1 tal-Kostituzzjoni tal-FAO. Huwa daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2016 u issa għandu¹ 67 Parti.

L-Unjoni Ewropea kienet fost l-ewwel li saret parti għall-Ftehim², lura fl-2011.

2.2. Il-laqgħa tal-Partijiet

Il-laqgħa tal-Partijiet hija l-korp deċiżjonali skont il-Ftehim, li għandha tiltaqa' kull sentejn jew aktar ta' spiss jekk tiddeċiedi hekk³.

Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 24 tal-Ftehim jistabbilixxi wkoll li, erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, l-FAO għandha ssejjaħ laqgħa tal-Partijiet biex tiġi riveduta u vvalutata l-effikaċja ta' dan il-Ftehim biex jintlaħaq l-għan tiegħu⁴. Imbagħad, il-Partijiet għandhom jiddeċiedu dwar aktar laqgħat bħal dawn kif meħtieġ.

Il-laqgħat speċjali tal-Partijiet jistgħu jsiru wkoll drabi oħra skont kif jitqies meħtieġ mill-Partijiet, jew fuq talba bil-miktub ta' kwalunkwe Parti⁵.

¹ Ottubru 2020; <http://www.fao.org/port-state-measures/background/parties-psma/en/>

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2011/443 tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (ĠU L 191, 22.7.2011, p. 1).

³ Ir-Regola 5.1 tar-Regoli ta' Proċedura għal-Laqgħat tal-Partijiet.

⁴ Din il-laqgħa, li għandha tiġi ospitata mill-UE, kellha ssir fl-2020, iżda ġiet posposta għall-2021 minħabba l-COVID-19.

⁵ Ir-Regola 5.2. tar-Regoli ta' Proċedura għal-Laqgħat tal-Partijiet.

2.3. Deċiżjonijiet meħuda waqt il-laqgħa tal-Partijiet

Il-laqgħa tal-Partijiet għandha l-awtorità li tadotta miżuri li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat u dawn huma vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

Fil-prinċipju, il-Partijiet jieħdu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet prinċipali b'kunsens iżda, fejn il-President jiddetermina li l-isforzi kollha biex jintlaħaq kunsens ikunu ġew eżawriti, id-deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa⁶.

L-emendi għar-Regoli ta' Proċedura għal-Laqqgħat tal-Partijiet jistgħu jiġu adottati b'kunsens u, jekk ma jkunx jista' jintlaħaq kunsens, id-deċiżjoni għandha tittieħed b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa, sakemm tali maġġoranza tkun aktar minn nofs il-Partijiet kollha⁷. L-Unjoni għandha d-dritt tal-parteċipazzjoni u dak tal-vot.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Huwa propost li l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-laqqgħat tal-Partijiet tiġi stabbilita skont approċċ fuq żewġ livelli. Deċiżjoni tal-Kunsill se tistabbilixxi l-prinċipji ta' gwida u l-orjentazzjonijiet tal-pożizzjoni tal-Unjoni fuq bażi pluriennali, u sussegwentement tiġi aġġustata għal kull laqgħa permezz ta' dokumenti informali tal-Kummissjoni li għandhom jiġu diskussi fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill.

Dan l-approċċ bħalissa qed jittieħed ukoll f'organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni f'dawk il-laqqgħat.

Id-deċiżjoni preżenti tinkorpora l-prinċipji u l-orjentazzjonijiet tal-politika komuni tas-sajd (PKS) kif stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u hija ggwidata mis-sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1005/2008. Hija tqis id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-PKS⁹, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni¹⁰, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi¹¹ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd¹².

Din id-deċiżjoni tqis ukoll l-impenji internazzjonali tal-UE skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (UNCLOS), il-Ftehim tan-

⁶ Ir-Regoli 7.2. u 7.3. tar-Regoli ta' Proċedura għal-Laqqgħat tal-Partijiet.

Ir-Regola XVII.3(a) tar-Regoli Ġenerali tal-Organizzazzjoni.

⁷ Ir-Regola 13 tar-Regoli ta' Proċedura għal-Laqqgħat tal-Partijiet.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

⁹ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

¹⁰ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

¹¹ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

¹² ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.

Nazzjonijiet Uniti dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni ta' Ħażniet ta' Ħut li Jpassi f' Żona Limitata ("Straddling") u Ħażniet ta' Ħut li Jpassi Ħafna ("Highly Migratory") tal-4 ta' Awwissu 1995 (il-Ftehim tan-NU dwar il-Ħażniet ta' Ħut), il-Ftehim li Jippromwovi l-Osservanza tal-Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u Maniġġjar minn Bastimenti tas-Sajd fl-Ibħra Internazzjonali tal-24 ta' Novembru 1993 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (il-Ftehim ta' Konformità tal-FAO), kif ukoll ftehimiet bilaterali u multilaterali rilevanti oħrajn.

Din id-Deċizzjoni tirrifletti l-oġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-PKS¹³ u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Oċeani u l-Ibħra¹⁴, il-konklużjonijiet tal-Kunsill¹⁵ dwar il-komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni dwar "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"¹⁶, inkluż b'rabta mal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port. Hija tqis ukoll l-aspetti tas-sajd IUU tal-Istrateġija għas-Sigurtà Marittima tal-UE¹⁷ u l-Pjan ta' Azzjoni ta' implimentazzjoni rivedut tagħha¹⁸.

Fl-aħħar nett, hija ispirata mid-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-Patt Ekoloġiku¹⁹ li hija se tieħu approċċ ta' tolleranza żero għas-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat, oġettiv li mbagħad kien affermat mill-ġdid fiż-żewġ Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030"²⁰ u "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal Sistema tal-Ikel Ġusta, Tajba għas-Saħħa u Favur l-Ambjent"²¹.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim".

"Atti li jkollhom effetti legali" jinkludu atti li għandhom effetti legali permezz tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effetti vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġislazzjoni adottata mil-leġislatur tal-Unjoni"²².

¹³ COM (2011) 424, 13.7.2011.

¹⁴ 14249/19, 19.11.2019.

¹⁵ 7348/1/17 REV 1, 24.3.2017.

¹⁶ JOIN (2016) 49 final, 10.11.2016.

¹⁷ Dok. 11205/14 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 24.06.2014

¹⁸ Dok. 10494/18 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 26.06.2018

¹⁹ COM (2019) 640 final, 11.12.2019.

²⁰ COM (2020) 380 final, 20.05.2020.

²¹ COM (2020) 381 final, 20.05.2020.

²² Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kunsill*, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

4.1.2. *Applikazzjoni għall-kawża preżenti*

Il-laqgħa tal-Partijiet hija korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat.

L-atti li l-laqgħa tal-Partijiet tintalab tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti tal-laqgħa tal-Partijiet se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, jiġifieri:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat²³;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd²⁴;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni²⁵;
- Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi²⁶;
- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd²⁷.

Madankollu, l-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. **Bażi ġuridika sostantiva**

4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst isegwi żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jirrikjedi l-għan jew il-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-kawża preżenti*

L-oġġettiv ewlieni u l-kontenut tal-atti previsti jirrigwardjaw is-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huwa l-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-prinċipji li għandhom jiġu riflessi f'din il-pożizzjoni.

²³ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

²⁴ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

²⁵ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

²⁶ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

²⁷ ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat ("il-Ftehim"), innegożjat taħt il-patroċinju tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO), li tagħha l-Unjoni hija Membru, ġie approvat mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2011/443¹. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju 2016.
- (2) Il-laqgħa tal-Partijiet hija l-korp deċiżjonali skont il-Ftehim u għandha l-awtorità li tadotta miżuri li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat li huma vinkolanti fuq il-Partijiet. Hija għandha tiltaqa' kull sentejn jew aktar spiss jekk tiddeċiedi hekk.
- (3) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 24 tal-Ftehim jistabbilixxi wkoll li, erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, l-FAO għandha ssejjaħ laqgħa tal-Partijiet biex tiġi riveduta u vvalutata l-effikaċja ta' dan il-Ftehim biex jintlaħaq l-għan tiegħu. Imbagħad, il-Partijiet għandhom jiddeċiedu dwar aktar laqgħat bħal dawn kif meħtieġ. Il-laqgħat speċjali tal-Partijiet jistgħu jsiru wkoll f'dawk il-ħinijiet l-oħrajn li jistgħu jitqiesu meħtieġa mill-Partijiet, jew fuq talba bil-miktub ta' kwalunkwe Parti.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim għall-ewwel laqgħa ta' rieżami tal-Ftehim² kif stabbilit fl-Artikolu 24(2) tal-Ftehim, u għat-tliet laqgħat biennali sussegwenti tal-Partijiet u kwalunkwe laqgħa intersessjonali relatata f'dak ir-rigward mill-adozzjoni tal-pożizzjoni attwali, billi l-miżuri taħt il-Ftehim se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jkunu kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008³ u (KE) Nru 1224/2009⁴, ir-Regolament (UE) 2017/2403⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament ta'

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2011/443 tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (ĠU L 191, 22.7.2011, p. 1).

² Attwalment ipplanat mill-31 ta' Mejju sal-4 ta' Ġunju 2021.

³ ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

⁴ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁵ ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.

Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd⁶.

- (5) Fid-dawl tal-ħtieġa li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, abbażi tal-informazzjoni rilevanti ppreżentata qabel jew waqt il-laqgħat tal-Partijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll proċeduri, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-ewwel laqgħa ta' rieżami tal-Ftehim kif stabbilit fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 24 tiegħu, kif ukoll għat-tliet laqgħat biennali sussegwenti tal-Partijiet u kwalunkwe laqgħa intersessjonali relatata.
- (6) L-oġettiv ewlieni tal-Ftehim huwa li jipprevjeni, jiskoraġġixxi u jelimina s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) billi jimpedixxi lill-bastimenti involuti f'sajd IUU milli jużaw il-portijiet u jintroduċu l-qabdiet tagħhom fis-swieq. B'dan il-mod, il-Ftehim inaqqas l-inċentiv ta' tali bastimenti milli jkomplu joperaw, filwaqt li jimblokka wkoll il-prodotti tas-sajd derivati minn sajd IUU milli jaslu fis-swieq nazzjonali u internazzjonali.
- (7) Is-sajd IUU jikkostitwixxi waħda mill-aktar theddidiet serji għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin u jipperikola l-pedament stess tal-Politika Komuni tas-Sajd tal-Unjoni u l-isforzi internazzjonali għall-promozzjoni ta' governanza aħjar tal-oċeani.
- (8) Il-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim hija responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri mfassla biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim, u b'hekk jiżguraw il-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ħajjin tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar. Jenħtieġ li l-Unjoni jkollha rwol attiv, effettiv u kostruttiv f'dawn il-laqgħat biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-Ftehim u trawwem kooperazzjoni internazzjonali dwar is-sajd IUU.

ADOTTA D-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim dwar miżuri tal-istat tal-port li jimpedixxu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat hija stabbilita fl-Anness I.

Din il-pożizzjoni hija stabbilita għall-ewwel laqgħa ta' rieżami tal-Ftehim kif stabbilit fl-Artikolu 24(2) tiegħu, kif ukoll għat-tliet laqgħat biennali sussegwenti tal-Partijiet u kwalunkwe laqgħa intersessjonali relatata.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Partijiet għall-Ftehim imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 għandha titwettag f'konformità mal-Anness II.

⁶ GÜ L 112, 30.4.2011, p. 1.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, mhux aktar tard mill-ħin tal-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim wara t-tielet laqgħa biennali msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President